MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 599/2013

***Intercomp Marketing Limited***
**(C – 20612)**

**vs**

**Roderick Falzon (ID No. 328877(M))**
**F'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`**
**Comprod-Group Limited**
**(C – 28020)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur fuq indikat datat l-21 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti fuq indikata sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi socjeta` rikorrenti ipprovdiet *hardware* u *software* tal- *computers* lill-intimat *proprio et nomine* fuq indikat;

1.2 Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti *de quo* ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti is-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf u sebgha u sebghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu, (€28,077.78);

1.3 Illi ghalkemm debitament interpellat, l-intimat *de quo* baqa’ inadempjenti;

1.4 Illi in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-Qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex;

1.4.1.Tiddeciedi r-rikors odjern bid-dispensa tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1.4.2.Tikkundanna lil-konvenut *proprio et nomine* fuq indikat biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti is-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf u sebgha u sebghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu, (€28,077.78) ammont dovut ghas-servizzi rezi billi ipprovdiet *hardware* u *software* tal-*computers* kif fuq indikat;

1.4.3. Bl-ispejjez kif dedotti mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur;

2. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

3. Semghet lill-intimat proprio et nomine jammetti t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bil-gurament tieghu fl-udjenza tat-3 ta’ Dicembru, 2013;

**DECIDE;**

4. Illi in vista tal-istess ammissjoni din il-Qorti takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement;

4.1. Tiddeciedi li tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta’ l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq gia` indikat;

4.2. Tikkundanna lill-konvenut Roderick Falzon *proprio et nomine* biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti *Intercomp Marketing Limited* l-ammont ta’ tmienja u ghoxrin elf u sebgha u sebghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu, (€28,077.78), ammont dovut kif indikat fir rikors guramentat promotur;

4.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur sad-data tal-effettiv pagament;

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------